**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, sitta (6) ta' Mejju 2025

Kawża Nru 136/2024

**Il-Pulizija**
***(Spettur Keith Xerrii)***

vs

**Tony Refalo**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Tony Refalo**, iben Joseph u Victoria nee' Farrugia, imwieled Pieta' fl-ewwel (1) ta' Awwissu 1981 u residenti numru sbatax (17), Triq l-Arcipriet Guzepp Diacono, Xagħra, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 426981(M) talli nhar it-tnax (12) ta' Ottubru 2023 għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu

(10:00hrs) ġewwa Triq Rabat, fl-akwati tas-Salvatur, Marsalforn Għawdex:

(1) waqt staġun magħluq għat-teħid tal-għasafar ħa jew prova jieħu xi għasfur;[1]

(2) talli ikkaċċja jew prova jikkaċċja, ħa jew prova jieħu għasafar li huma protetti taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kundizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha;[2]

(3) talli ma żarmax u ma neħħiex l-imnasab (inklużi lasti u xbieki) minn fuq il-post tal-insib immedjatament meta għalaq l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa hekk kif mitlub[3];

(4) talli nasab fuq sit li ma ġiex reġistrat u approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.[4]

F'każ ta' ħtija l-Qorti ġiet mitluba sabiex tissospendi l-liċenzja tal-Insib għal żmien li jidhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti;

[1] Reg 18(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42.
[2] Reg 4(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42.
[3] Reg 12(h) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145.
[4] Reg 12(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145; It-tieni proviso tar-Regolament 8(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42.

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti f'dan il-każ huma brevement is-segwenti: nhar it-tnax (12) ta' Ottubru 2023, il-Pulizija rċievew telefonata mingħand Fiona Jane Burrows fejn din infurmathom li kien qed iseħħ insib illegali f'Marsalforn. Il-Pulizija marru fi Triq ir-Rabat, Marsalforn u tkellmu mal-kwerelanta li indikatilhom li kien hemm raġel qed jonsob illegalment f'għalqa u li dan kien diġa telaq minn fuq il-post. Il-Pulizija marru fuq il-post indikat lilhom mill-kwerelanta iżda għalkemm sabu xbieki mifruxin ma sabu lil ħadd jonsob.

Fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru 2023, il-Pulizija rċievew rapport dettaljat mill-Committee Against Birds Slaughter (CABS) dwar dak li kien seħħ fit-tnax (12) ta' Ottubru 2023. Ir-rapport kien jinkludi ritratti u filmati ta' raġel ġo mansab armat b'għasafar fil-gabjetti. Ir-raġel deher jiġbor il-gabjetti u joħroġ mill-għalqa ġo jeep b'numru ta' reġistrazzjoni HAO 118. Minn stħarriġ li għamlet il-Pulizija irriżulta li l-imsemmija vettura kienet reġistrata fuq isem Tony Refalo detentur tal-karta tal-identita numru 0426981(M).

Fis-sbatax (17) ta' Novembru 2023, Refalo ġie mitkellem mill-Pulizija wara li ikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu. Refalo stqarr li dakinhar tat-tnax (12) ta' Ottubru 2023 huwa kien fl-għalqa tiegħu fejn is-Salvatur jaqta' ż-Żebbuġ. Ikkonferma li l-vettura li dehret fil-filmat mgħoddi lill-Pulizija mill-CABS kienet tiegħu u li hu biss isuqha. Huwa ma wieġeb għall-ebda mistoqsija oħra li saritlu mill-Pulizija.

Ikkunsidrat:

Mill-provi prodotti irriżulta s-segwenti li:

(a) fit-tnax (12) ta' Ottubru 2023, l-istaġun għall-insib kien għadu magħluq u fetaħ biss fl-għoxrin (20) ta' Ottubru 2023. Dan hekk kif ikkonferma x-xhud Jean Paul Portelli mill-Wild Birds Regulation Unit (WBRU);

(b) mix-xhieda ta' Fiona Burrows irriżulta kif dakinhar tat-tnax (12) ta' Ottubru 2023 kien hemm raġel li deher qed jonsob. Burrows tispjega kif dan ir-raġel daħal u ħareġ minn ġod-dura u anke deher jiġbor l-għasafar fil-gabjetti u jitfagħhom fi xkora. L-istess xhud tkompli tispjega kif hija kompliet issewgi lil dan ir-raġel iġorr l-ixkora bl-għasafar, li imbagħad daħal f'jeep bajda bin-numru tar-reġistrazzjoni HAO 118 u saq minn fuq il-post;

(c) il-vettura in kwistjoni hija reġistrata fuq isem l-akkużat u l-akkużat inniffsu waqt l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija ammetta li din il-vettura jsuqha biss hu u ħadd aktar. L-akkużat iddikjara wkoll li dakinhar tat-tnax (12) ta' Ottubru 2023 kien qiegħed fl-għalqa tiegħu fejn is-Salvatur jaqta ż-Żebbuġ;

(d) Burrows fl-ebda ħin ma indikat li r-raġel li rat kien qiegħed jaqta' ż-Żebbuġ u dan lanqas ma rriżulta mill-filmati esebiti;

(e) L-akkużat għandu liċenzja tal-insib li kienet tippermettilu jonsob waqt l-istaġun li matulu huwa permess li jsir l-insib;

(f) X'ħin il-Pulizija marru fuq il-post indikat lilhom fejn aktar qabel kien hemm ir-raġel senjalat mir-rappreżentanti tal-CABS, sabu l-mansab armat bix-xbiek.

Mill-kumpless tal-provi miġbura għalhekk il-Qorti hija sodisfatta li dakinhar tat-tnax (12) ta' Ottubru 2023 kien qiegħed isir insib illegali fl-għalqa indikata fl-akkuża u li l-persuna li kien qed jonsob illegalment ma kien ħadd ħlief l-akkużat. Ix-xhieda dettaljata ta' Fiona Burrows akkumpanjata mir-rapport u l-filmati magħquda mad-dikjarazzjoni tal-akkużat li huwa biss isuq il-vettura HAO 118 u li dakinhar huwa kien qiegħed l-għalqa tiegħu ma jħallu l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti li kien l-akkużat stess li kien qed jonsob illegalment. Il-Pulizija xehdu kif fl-istess għalqa fejn kien l-akkużat ftit mumenti aktar qabel huma sabu mansab armat bix-xbiek. Għaldaqstant l-ewwel tlett (3) akkużi u cioe li kien qed

isir insib waqt staġun magħluq, li kien qed isir insib mhux skont il-kundizzjonijiet tal-liċenzja u li l-mansab kien armat meta suppost ma kienx ġew ampjament pruvati. Għar-rigward ir-raba' akkuża jingħad li ma nġabet l-ebda prova dwar jekk il-mansab kienx reġistrat jew le. Ir-rappreżentant tal-WBRU ma xehed xejn f'dan ir-rigward. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib ħtija fl-akkużat għal din ir-raba' akkuża.

Għall-fini ta' piena l-Qorti sejra tikkunsidra li t-tieni akkuża hija kompriza u involuta fl-ewwel akkuża fis-sens li jekk l-akkużat kien qed jonsob waqt staġun magħluq huwa allura kien qed jieħu jew jipprova jieħu għasafar mhux skont kif jipprovdu l-istess regolamenti u ċioe li l-insib jista' jsir biss waqt staġun miftuħ.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(a) **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tar-raba' (4) akkuża</u>** u qiegħda tilliberah minnha;

(b) wara li rat ir-regolamenti 4(1)(a), 18(1)(c), 27(2)(a), 27(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u r-regolamenti 12(h) u 14 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 qiegħda issib lill-akkużat ħati **<u>tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuża u qiegħda</u>**

**<u>tikkundannah għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' tmien mitt ewro (€ 800)</u>**.

Finalment il-Qorti qiegħda tordna wkoll is-sospensjoni tal-liċenzja tal-insib maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 għall-perijodu ta' sentejn (2) dekorribbli min-nofs il-lejl u minuta ta' għada.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja
Għar-Reġistratur